BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 02/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 11 ta' Frar 2010 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **Is-Sur Joseph Baldacchino -**<br>Il-Kamra aċċettat ir-raġuni tal-V/Sindku sabiex jiġi skużat - (Ittra annessa) |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 01/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u J.Borg issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/02 -* Tressqet talba minn Moto World sabiex għal perijodu ta' bejn l-1 ta' Ġunju 2010 u t-30 ta' Settembru 2010 jintrama Quad Bike Track fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tilqa' din it-talba u li jintrama l-Quad Bike Track fuq ir-ramel quddiem 'Angolina' u l-Każin Laburista.

## ***AĠENDA -3***

Is-Sindku u R.Zahra informaw lill-Kamra fir-rigward ta' laqgħa li attendew, fejn ġie diskuss il-ġbir ta' skart kummerċjali. F'din il-laqgħa kull lokal ressaq il-proposti tiegħu fuq din il-problema minħabba li l-problemi jvarjaw minn lokal għal ieħor. Is-Sindku ssuġġerixxa li, minħabba li Birżebbuġa m'għandhiex numru kbir ta' restoranti, il-ġbir ta' skart kummerċjali jibqa' jagħmlu l-Kunsill. Waqt din il-laqgħa l-Onor. Dr. Chris Said informa l-Kunsillieri preżenti li l-Gvern bħalissa qed jaħdem sabiex kull Kunsill Lokali ikollu impjegat miegħu persuna għall-infurzar tal-liġi. R.Zahra issuġġerixxa sabiex inlaqqgħu s-sidien tal-ħwienet biex nippruvaw noħolqu uniformità għal ħruġ tal-iskart sabiex b'hekk ikollna lokal aktar nadif. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Frar 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' € 67500.23 titħallas skond Skeda Nru. 02/10.

***AĠENDA -5***

1. Is-Sindku aġġorna l-Kamra fir-rigward tal-estensjoni tal-Port Ħieles, fejn il-Kamra unanimament qablet li tirrisolvi li d-deċiżjoni meħuda mill-MEPA fil-21 ta' Jannar 2010 fuq PA 04819/07 li permezz tagħha ġie approvat l-estensjoni tal-Port Ħieles, għandha tiġi appellata skond il-liġi. Il-Kunsill jirrisolvi li dan l-appell jiġi magħmul b'mod konġunt mal-Birżebbuġa Environment Action Group. Il-Kunsill jirrisolvi li dan l-appell jiġi ffinanzjat skond il-bżonn mill-fondi tal-Kunsill u dana stante li l-eżitu tal-appell jimpinġi direttament fuq ir-residenti tal-lokalità. Il-Kamra unanimament qablet li tqabbad lil Avukat Dr Simon Micallef Stafrace sabiex imexxi l-Kunsill f'dan l-appell u li l-Perit Carmel Cacopardo jibqa' l-konsulent tal-Kunsill.

2. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li għalkemm ġbidna l-attenzjoni tal-Pulizija diversi drabi, ‚fi Triq Wied Il-Qoton għad hemm dgħajsa li ilha hemm żmien twil, kif ukoll għad ikun hemm karozzi ipparkjati fejn mhux suppost. Kulħadd qabel li għandha tinkiteb ittra lill-Ispettur sabiex tittieħed azzjoni u kopja tagħha tintbagħat lill-Kummissarju.

3. B.Pace informat lill-Kamra li hi flimkien mas-Sindku u J.Borg ser imorru Porto San Giorgio f'April li ġej wara stedina ta' ħbiberija li kienet saret mill-Kunsill tal-istess lokalità qabel ma jsir il-ġemellaġġ uffiċjali. B.Pace stiednet lil kumplament tal-Kamra sabiex min jixtieq jista' jakkumpanjahom. L-ispejjeż għal dan il-vjaġġ ser jinħarġu direttament mill-Kunsillieri nvoluti u mhux mill-fondi tal-Kunsill. Għalkemm ħadd ma laqa' din l-istedina il-Kamra faħħret din l-inizjattiva u qablet li tistieden delegazzjoni mill-Kunsill ta' Porto San Giorgio (a spejjeż tagħhom) għal festa ta' Birżebbuġa f'Awwissu li ġej.

4. T.Roberts informa l-Kamra li bħalissa għaddejja manutenzjoni fid-dawl ornamentali ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa wara ħsara li ġrat fil-*cables.* Il-Kamra qablet li ssir il-manutenzjoni li hemm bżonn.

5. T.Roberts, bħala rappreżentant tal-Kunsill fi ħdan il-GAL Xlokk, ressaq proposta lill-Kamra fuq talba tal-GAL Xlokk, jekk il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jaċċettax li jsellifhom €2000 għal perijodu ta' 45 ġurnata. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għal Gvern Lokali u jekk kollox ikun skond il-liġi ma ssib l-ebda oġġezzjoni sabiex tagħmel dan is-self.

6. Il-Kamra approvat il-Financial Statements għas-sena 2009 mressqa fuq il-mejda mis-Segretarju Eżk.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Ħamis, 4 ta' Marzu 2010 fis-6.00pm. .

**.........................................** **..............................................**

**Joseph Farrugia** — **Sindku**

**Maria Galea** — **Segretarju Eżk.**

## ***Schedule of Payments 02/10***

### ***Period 01/02/2010 till 28/02/2010***

| Cheque | To | For | Amount Euro |
|---|---|---|---|
| 7679 | Tino 2000 | Office Supplies | 28.16 |
| 7680 | Housing Authority | Rent - Garages | 698.82 |
| 7681 | Allied Newspapers | Advert | 75.05 |
| 7682 | Smart Office Supplies | Stationery | 460.09 |
| 7683 | Vodafone Malta Ltd. | Telephone Expenses | 42.94 |
| 7684 | Swallow Garage | Lifter - Day Center | 83.85 |
| 7685 | J. Brincat | Newspapers | 45.58 |
| 7686 | Austonia Busuttil | Flower for Funeral | 25.00 |
| 7687 | Duraprint | Stationery | 123.90 |
| 7688 | WasteServ Malta Ltd. | Hire of Bring in Bins | 296.59 |
| 7689 | WasteServ Malta Ltd. | Tipping Fees Dec 09 | 4022.61 |
| 7690 | Accesspoint | Network Support | 196.85 |
| 7691 | Elmein Ltd. | Maintenance Lift | 43.97 |
| 7692 | MG Pulis | Mower Maintenance | 94.82 |
| 7693 | Zurrieq Joint Committee | LES Expenses Nov & Dec 09 | 12298.86 |
| 7694 | Pauline Ellul | Office Cleaning | 76.00 |
| 7695 | Andrew Fleri Soler | Copier Repair + toner | 90.00 |
| 7696 | Alfa Co. Ltd. | IT Service | 23.29 |
| 7697 | DOI | Government Gazette | 244.58 |
| 7698 | ELC | Public Gardens - Jan 10 | 1147.92 |
| 7699 | New Era Waste Services | Street Cleaning - Jan 10 | 1939.58 |
| 7700 | Ronald & Chris Bezzina | Public Conveniences - Jan 10 | 1017.29 |
| 7700 | Ronald & Chris Bezzina | Public Places - Jan 10 | 332.92 |
| 7676 | RVS Ltd. | Refuse Collection - Jan 10 | 6878.90 |
| 7853 | Nexos Street Lighting Co. Ltd. | Street Lighting Repairs | 1271.39 |
| 7854 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 20.00 |
| 7855 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 20.00 |
| 7856 | Erremme Business Consultants | Oct - Dec 09 | 350.00 |
| 7857 | Go | Telephone Expenses | 357.95 |
| 7858 | New Era Waste Services | Extra Mechanical Sweeping two months | 5000.00 |
| 7669 | DOI | Advert | 9.32 |
| 7670 | Local Councils Association | Money Insurance | 63.00 |
| 7671-4 | Salaries February | Salaries and Perf. Bonus February 10 | 6930.54 |
| 7675 | MEPA | Digital site plans | 240.10 |
| 7677 | Chossey DVD | New Printer | 396.10 |
| 7859 | Mifsud Saviour | Non-Urban grass cutting | 2978.15 |
| 7860 | Patrick Cellars | Office Supplies | 830.50 |
| 7861 | Schembri & Sons | Triq Sant'Anglu | 18745.61 |
| | | **Total Paid** | **67500.23** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**